IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.7.2024
COM(2024) 317 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar id-delega tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar id-delega tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2020/740 ([1]) dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra ġie adottat fil-25 ta' Mejju 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021. Ħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009.

It-tikkettar tat-tajers jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati bbażati fuq indikazzjonijiet ċari dwar l-effiċjenza tal-fjuwil, il-qbid fuq l-imxarrab u informazzjoni supplimentari importanti oħra. Dan jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iffrankar tal-fjuwil filwaqt li jinkoraġġixxi wkoll l-innovazzjoni u l-investimenti fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tajers aħjar. Permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti relatati fil-livell tal-UE, it-tikkettar tat-tajers huwa ta' benefiċċju wkoll għall-manifatturi, għall-industrija u għall-ekonomija tal-Unjoni b'mod ġenerali ([2]).

Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament ilhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2021 u jkopru l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, is-sikurezza u l-prestazzjoni tal-istorbju estern tat-tajers ġodda għall-karozzi tal-passiġġieri (C1), għall-vetturi kummerċjali ħfief (C2) u għax-xarabanks u t-trakkijiet (C3). It-tikketta timxi mas-sistema magħrufa sew ta' klassifikazzjoni bil-kulur li tintuża għall-apparati domestiċi bħall-magni tal-ħasil tal-platti u r-refriġeraturi, iżda fiha ħames klassijiet differenti biss għar-reżistenza għad-dawrien u l-qbid fuq l-imxarrab, u tliet klassijiet għall-istorbju estern tad-dawrien. Ir-reżistenza għad-dawrien hija indikatur tal-effiċjenza enerġetika tat-tajer. Dan jgħin lill-klijenti jagħżlu tajers b'konsum aktar baxx tal-fjuwil u li jistgħu jżidu d-distanza li vettura tista' tagħmel bejn il-punti tar-riforniment jew tal-iċċarġjar. Sadanittant, il-kejl tal-qbid fuq l-imxarrab, li jindika l-prestazzjoni tal-ibbrejkjar, huwa aspett ewlieni tas-sikurezza. It-tikketta tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażla infurmata aħjar ibbażata fuq informazzjoni fattwali ewlenija meta jixtru tajers ġodda. Minn meta ġie applikat ir-Regolament, ir-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL) ([3]) sar kompletament operattiv, u l-forniturі tat-tajers jeħtieġ li jirreġistraw fil-bażi tad-*data* tiegħu kull tip ta' tajer fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament qabel ma jqegħduhom fis-suq tal-UE. It-tikketta flimkien mad-*data* relatata miġbura fil-bażi tad-*data* tal-prodotti EPREL ([4]) hija wkoll għodda utli ħafna għad-deċiżjonijiet pubbliċi u privati dwar l-akkwist bl-ingrossa, bħal dawk mill-meniġers tal-flotta u mill-manifatturi tal-vetturi.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009, ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1–31, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/740/oj.

2 Commission staff working document accompanying the Commission's Communication on the Ecodesign and Energy Labelling Working Plan 2022-2024, EUR-Lex - 52022SC0101 - EN - EUR-Lex (europa.eu).

3 https://eprel.ec.europa.eu/screen/home.

4 https://eprel.ec.europa.eu/screen/product/tyres and https://energy-efficient-products.ec.europa.eu/ecodesign-and-energy-label/product-list/tyres_en.

2. BAŻI LEGALI

Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2020/740, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 14 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu inizjali ta' 5 snin mill-25 ta' Ġunju 2020 u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal estensjoni possibbli ta' dan il-perjodu. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Dan ir-rapport għandu l-għan li jissodisfa dak ir-rekwiżit.

L-Artikolu 14(2) tar-Regolament jistabbilixxi wkoll li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul taż-żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel ma jintemm kull perjodu. Barra minn hekk, l-Artikolu 14(3) jiddikjara li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħa fi kwalunkwe ħin.

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2020/740. Dan huwa primarjament minħabba li ċerti kundizzjonijiet mhumiex maturi biżżejjed, u b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

- Ma kienx possibbli li jiġi propost att delegat biex jissupplimenta r-Regolament fir-rigward **tat-tikkettar tat-tajers ittredjati mill-ġdid** sas-26 ta' Ġunju 2022 għax mhu disponibbli l-ebda metodu tal-ittestjar xieraq ([5]). Madankollu, il-ħidma biex tiġi indirizzata din il-lakuna avvanzat. Il-Kummissjoni nediet studju minn laboratorju indipendenti speċjalizzat fl-ittestjar tal-omologazzjoni tal-vetturi u l-komponenti, biex tivvaluta jekk proposta partikolari tal-industrija dwar it-tikkettar tat-tajers C3, ippreżentata f'Ottubru 2022, hijiex valida u fattibbli. Is-sejbiet tal-istudju se jinfurmaw valutazzjoni tal-impatt li se titnieda wkoll. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti mill-gvernijiet, l-industrija u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi b'għarfien espert fl-attivitajiet regolatorji li jikkonċernaw il-vetturi bil-mutur ([6]) se jiġu kkonsultati b'mod xieraq dwar abbozz ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni.
- Att delegat li jissupplimenta r-Regolament biex ikun jinkludi parametri jew rekwiżiti tal-informazzjoni **għall-brix u l-kilometraġġ tat-tajers** għadu ma setax jiġi varat peress li bħalissa mhu disponibbli l-ebda metodu affidabbli, preċiż u riproduċibbli biex jiġu ttestjati u mkejla l-brix u l-kilometraġġ tat-tajers. Madankollu, għaddejja ħidma fuq dan, fil-kuntest tat-Task Force tal-UN-ECE dwar il-Brix tat-Tajers (TF-TA) ([7]). Il-metodu tal-ittestjar li jirriżulta biex titkejjel il-brix għall-issettjar tar-rekwiżiti minimi fil-kuntest tar-Regolament Euro-7 dalwaqt se jkun disponibbli għat-tajers C1. Imbagħad ikun hemm wieħed ukoll għat-tajers C2 u C3. Il-ħidma hija skedata li tibda dalwaqt, bħala parti mill-mandat tat-TF-TA, biex jiġi vvalutat metodu għall-istima tal-potenzjal tal-kilometraġġ tat-tajers.

---

5 Ara l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2020/740.

6 Il-grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Vetturi bil-Mutur (MVWG).

7 https://wiki.unece.org/pages/viewpage.action?pageId=160694352.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 13, il-punt 1, il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda l-Partijiet D u E tal-Anness I, l-Anness II fir-rigward tal-kontenut u l-format tat-tikketta tat-tajers, u l-Annessi III, IV, V, VI u VII, billi tadatta l-valuri, il-metodi tal-kalkolu u r-rekwiżiti stabbiliti fir-rigward tal-progress teknoloġiku. Il-Kummissjoni diġà identifikat firxa ta' kwistjonijiet li aktarx ikun hemm bżonn tintuża din is-setgħa u biħsiebha tikkonkludi dwar dan sa mhux aktar tard mill-kuntest tar-rapport li mistenni jitlesta sal-1 ta' Ġunju 2025, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni jidhrilha li estensjoni taċita tad-delegi tas-setgħa għal 5 snin, prevista fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2020/740, hija meħtieġa b'mod ċar.

Fil-futur se jkun hemm bżonn jiġu żviluppati u adottati xi regoli bbażati fuq is-setgħat mogħtija mill-Artikolu 14. Ir-raġunament għad-delegi tas-setgħat ma nbidilx. Huwa importanti li: (i) iżżomm il-flessibbiltà fil-qafas legali biex tissupplimentaha jew taġġustaha għall-ħtiġijiet emerġenti; u (ii) temenda l-annessi msemmija meta jkun meħtieġ biex tiżgura s-sikurezza u tipproteġi s-saħħa u l-effiċjenza ekonomika u ambjentali tat-trasport bit-triq. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jitwettqu wkoll abbażi tal-esperjenza addizzjonali miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.